# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 t'April 2018**

**Talba Nru: 414/17 CZ**

**GO plc (C 22334)**

**vs.**

**Abraham Bezzina (ID 0248260 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-1 ta' Settembru 2017 fejn premettiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socejta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€543.94) in konnessjoni ma' servizzi ta'

komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkonti separati li jgibu n-numri AC40029088 u AC10205894.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittjiet, inkluzi dawk  ta' l-ittra ufficcjali li saret ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 li giet prezentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Lulju 2015, u li ggib in-numru ta' referenza 1201/2015, u kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali hawn imsemmija sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra d-dokumenti esebiti mat-talba,

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 t'April 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tlieta u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€543.94) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur